**EŻAMIJIET ANNWALI TA' L-ISKOLA SEKONDARJA 2002**
Taqsima ta' l-Assessjar Edukattiv – Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni

**Ir-Raba' Sena** **MALTI** **ĦIN: Sagħtejn**

Isem: ______________________________ Klassi: __________

Istruzzjonijiet lill-kandidati:

1. Wieġeb il-mistoqsijiet kollha kif mitlub:
2. Ortografija, punteġġjatura, sintassi, ideat u preżentazzjoni tajbin jgħinuk biex tikseb riżultati aħjar.

---

GĦALL-UŻU TAL-GĦALLIEMA

SKEMA GĦALL-MARKI

| Mistoqsija | A | B | Ċ | D | E | F (i) | F (ii) | F (iii) | Ġ | Tot. |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Marki | 6 | 24 | 5 | 8 | 7 | 14 | 8 | 8 | 20 | 100 |
| Marki ta' l-istudent/a | | | | | | | | | | |

Kummenti

______________________________

______________________________

______________________________

______________________________

______________________________

______________________________

______________________________

**TEST GĦALL-ISTĦARRIĠ**

Aqra sewwa s-silta u wieġeb il-mistoqsijiet dwarha:

Leli kien ilu jaħdem għad-dar erba' snin. Billi kien tħarreġ sewwa fit-tagħlim, kien sab ix-xogħol bi ħlas mhux ħażin żejjed. Kien qabad jaħdem ma' l-aħwa ta' Buċagħak li, bħalma jaf kulħadd, għandhom flus kemm jasa' ġildhom. Fl-imħażen tagħhom issibilhom kulma trid, u mingħandhom, sa ftit ilu, kienu jinqdew nofs in-nies tal-ħwienet iż-żgħar ta' Malta kollha. (par. 1)

Leli għall-ewwel kien daħal jaħdem magħhom biex jgħin lir-raġel li kien iżommilhom il-kotba. Xi sentejn wara, dan telaq u Leli ħa xogħlu, u nħallikom taħsbu kemm feraħ meta minn tnax beda jaqbad tmintax–il xelin fil-ġimgħa, għadilli lil ta' Buċagħak kien jagħtihom mill-inqas b' żewġ liri xogħol tat-tmintax–il xelin li kienu jagħtuh! (par. 2)

Is-Sur Tonin, missier Leli, kien ilu sentejn li tilef in-negozju u sab ruħu id wara u oħra quddiem u, biex iżomm id-dar ħażin ħażin, kien issa qed jaqdi, meta jsib, lil xi negozjant. U b'hekk, ħtija tan-nuqqas ta' għaqlu, martu u wliedu damu biċċa sewwa jgħixu mġebbdin, u Alla jaf kif. (par. 3)

Iżda hekk kif Leli beda jġib id-dar ħlas ix-xogħol ta' raġel, u billi f'dil-ħabta ħuh Ninu kien qabad jaħdem it-tarzna, id-dar ta' Braġ reġgħet bdiet terfa' rasha xi ftit. (par. 4)

F'dawn l-aħħar tliet snin Leli kien tafa' għajnejh, aktarx bi ħlieqa, issa fuq tfajla u issa fuq oħra. Iżda ma seddaq ma' ebda waħda minnhom. U ta' Leli kienu namuri aktarx jixbhu lil tat-tfal. (par. 5)

Fil-Ħdud, meta ma kienx għal fil-għaxija jidħol il-Belt, jew jeħel il-każin tal-banda jilgħab it-trisett, kien iqatta' nofs ta' nhar sħiħ f'Ħal Kbir. Hemm kien isib fiex jedha; u barra minn hekk, hemm kien jiltaq' wkoll ma' Pawlu Sulnata, żagħżugħ tad-daqs tiegħu, minn Ħal Kbir, mogħti b'ruħu u ġismu għall-kotba. (par. 6)

F'żgħurithom Leli u Pawlu damu kemm-il sena jsibu ruħhom dejjem f'bank wieħed l-iskola. (par. 7)

Ta' sittax-il sena jew ftit aktar, Leli kien ħalla l-iskola. Pawlu ssokta; u issa ma kienx jonqsu għajr ftit snin oħra biex isir tabib. (par. 8)

Għadilli Leli kien, tista' tgħid, il-ħabib ta' kulħadd – kien minn dawk, jiġifieri, li kulmin isir jafhom jgħid li hu l-akbar ħabib tagħhom – b'danakollu, wara ommu u tad-dar, Leli kien jaħlef b'Pawlu. U Pawlu xejn inqas ma kien iħobbu. (par. 9)

Leli Braġ u Pawlu Sulnata kienu ħbieb tal-qalb; kienu ħbieb fi tfulithom u baqgħu sa kibru; u kienu ħbieb tassew! Ħaġa ta' l-għaġeb fi żminijietna! (par. 10)

*(silta addattata mir-rumanz **Leli ta' Ħaż-Żgħir** ta' Ġużè Ellul Mercer)*

**A. FEHIM IT-TEST** (6 marki)

1. Għaliex Leli kien sab xogħol bi ħlas mhux ħażin? (par. 1)

_______________________________________________ (1)

2. Milli qrajt mit-2 paragrafu, ta' Buċagħak kienu
   a. nies li jħennu ☐
   b. nies li jsfruttaw il-ħaddiem ☐

(1)

3. Il-familja ta' Braġ, meta reġgħet bdiet tieħu r-ruħ? (par. 4)

______________________________ (1)

4. Fi kliemek ikteb dwar kif kien iqatta' l-Ħdud Leli. (par. 6)

______________________________

______________________________

______________________________ (2)

5. Mill-paragrafu 9 sirt naf li :
   a. Leli ma kienx jaħmel lil Pawlu ☐
   b. Leli kellu fiduċja f'Pawlu ☐

(1)

**B. GĦARFIEN IL-LINGWA** (24 marka)

## (i) ANALIŻI TESTWALI

1. Mill-1 paragrafu ikteb l-espressjoni li turi li Leli, meta beda jaħdem, ma kienx jaqlagħha tajjeb ħafna, iżda lanqas ħażin iżżejjed.

______________________________ (1)

2. *damu biċċa sewwa jgħixu mġebbdin* (par. 3) tfisser :
   a. damu jġebbdu s-snin ☐
   b. ma setgħux ilaħħqu mal-ħajja minħabba n-nuqqas ta' flus ☐

(1)

3. Ikteb in-nom li juri li Leli ma kienx jeħodha bis-serjetà meta kien jitfa' għajnejh fuq xi tfajla. (par. 5)

______________________________ (1)

4. (i) *żagħżugħ tad-daqs tiegħu* (par. 4) turi li :
   a. Iż-żgħażagħ kienu ta' l-istess tul ☐
   b. Iż-żgħażagħ kienu ta' l-istess età ☐

(1)

   (ii) Fejn taf? Irreferi għall-paragrafu 7. ______________________________

______________________________ (1)

5. *Kienu ħbieb fi tfulithom.* (par. 10) Għalxiex qiegħed jirreferi l-pronom **hom** fin-nom *tfulit**hom***? ______________________________ (1)

## (ii) LESSIKU/VOKABULARJU

1. Fisser dawn l-idjomi :

a. *għandhom flus kemm jasa' ġildhom* (par. 1) ______________________________

b. *id wara u oħra quddiem* (par. 3) ______________________________

ċ. *b'ruħu u ġismu* (par. 6) ______________________________ (3)

2. Sib kelma oħra għal *ssokta* (par. 8) ______________ (1)

**(iii) SINTASSI/SENTENZI**

Kompli dawn is-sentenzi billi żżomm l-istess tifsira:

1 a. Fil-Ħdud, meta ma kienx għal filgħaxija, jidħol il-Belt, jew jeħel il-każin tal-banda jilgħab it-trisett, kien iqatta' nofs ta' nhar sħiħ f'Ħal Kbir.

b. Fil-Ħdud Leli kien iħobb iqatta' nofs ta' nhar f'Ħal Kbir jekk ________________

________________________________________________________________

________________________________________________________________ (1)

**(iv) GRAMMATIKA U MORFOLOĠIJA**

**IL-PARTIĊIPJU ATTIV**

1. Ikteb il-**Partiċipju Attiv** fil-vojt bl-għajnuna tal-kelma fil-parentesi.

a. Janet bdiet ________________ (mexa) lejn sħabha meta rathom ________________ (resaq) lejha.

b. Il- ________________ (bejgħ) tal-gazzetti kien iħobb 'l ommu.

ċ. L- ________________ (għana) kien ________________ (ħareġ) għal fuq il-palk. (5)

**IL-PARTIĊIPJU PASSIV**

2. *mġebbdin* (par. 3) huwa **Partiċipju Passiv**. Agħti l-**partiċipju passiv femminil** ta' *mġebbdin*. ____________________ (1)

3. Kompli s-sentenza billi tuża l-**partiċipju passiv** minn *ċelebrazzjoni*.

Ħafna mill-festi jiġu ____________________ fis-sajf. (1)

4. Ix-xita kaxkret il-ħamrija. – Aqleb din is-sentenza bl-użu tal-**partiċipju passiv**.
Il-ħamrija ġiet ____________________ . (1)

**IL-FOROM TAL-VERBI**

5. *tħarreġ* huwa verb tal-**ħames forma**. Ikteb dan il-verb fl-1 persuna singular fil-perfett. Jiena

____________________ . (1)

6. *jinqdew* huwa verb tas-**seba' forma**. Nissel f'din l-istess forma l-verb *seraq*.

____________________ (1)

7. Kompli s-sentenza billi tuża verb tas-**sitt forma** mill-għerq fil-parentesi.
Ix-xemgħat (b-r-k) ____________________ waqt il-funzjoni. (1)

8. *stqarr* huwa verb tal-**għaxar forma**. Oħroġ verb minn *għaġeb*.

____________________ (1)

9. Flok *kien imkarkar* nistgħu ngħidu

____________________ (1)

## Ċ. L-ASPETT SIMBOLIKU FL-ISFOND LINGWISTIKU POPOLARI (5 marki)

**QWIEL U IDJOMI**
Kompli l-qwiel / idjomi

1. Min jilgħab man-nar ______________________________
2. Kliem ix-xiħ ______________________________
3. Għomor ta' ______________________________
4. Baqa' taħt ______________________________
5. Moħħ ______________________________

## D. ĦILIET FIL-MALTI KOMUNIKATTIV (8 marki)

F'Ħal Muxi nħasset il-ħtieġa li jkun organizzat *seminar* ta' ġurnata għaż-żgħażagħ ta' bejn l-14 u s-16-il sena dwar aspetti mill-ħajja żagħżugħa (eżempju : ir-reliġjon, id-divertiment, *dating*, preparazzjoni għall-ħajja tax-xogħol, eċċ)

Bħala s-segretarju/a tal-Kunsill Lokali ta' Ħal Muxi, ikteb ittra ta' madwar 100 kelma liż-żgħażagħ ta' l-età msemmija biex tgħidilhom meta se jiġi organizzat is-*seminar*, kif se jkun imqassam, is-suġġetti diskussi f'*seminar* hekk importanti.

L-indirizz tal-Kunsill Lokali huwa : 56, Triq San Stiefnu, Ħal Muxi MXI 10. Iffirma bħala : Mario Abela / Maria Abela.

____________________________________________________________

____________________________________________________________

____________________________________________________________

____________________________________________________________

____________________________________________________________

____________________________________________________________

____________________________________________________________

____________________________________________________________

____________________________________________________________

____________________________________________________________

____________________________________________________________

## E. TIFTIX – TRAWWIM KULTURALI – IDEA TA' LINGWA (7 marki)

Agħżel suġġett li fittixt dwaru din is-sena u ikteb it-tagħrif f'madwar 8 linji.

## F. (i) LETTERATURA – Poeżija – L-Ambjent Naturali (14-il marka)

Wieġeb il-mistoqsijiet kollha

**Il-Moll** ta' **Carmel Attard**

Iva….
nibda norqod hawnhekk fl-ijlieli xitwin
biex meta l-mewġa ma tistmax il-moll
u tgħaddi ħafifa minn fuq ġismu
sa ma tasal sa taħt rasi u titfarrak
mal-franka bajda tax-xatt,
jien inkun hemm
biex nismagħha
u norqod għall-ħoss tagħha
jidwi ġo rasi.



a. Għaliex il-poeta jrid jibqa' jorqod hemmhekk fl-iljieli xitwin?

(1)

b. Agħti żewġ eżempji ta' personifikazzjoni.

i)

ii) (2)

ċ. *Il-Moll* hija poeżija (moderna, tradizzjonali) (1)

d. F'madwar 4 versi ikteb dwar il-kritika li ried iwassal Carmel Attard permezz ta' din il-poeżija.

____________________

____________________

____________________

____________________ (3)

2. Minbarra l-poeżija *Il-Moll*, il-poeżiji, *l-Għajn Fil-Misraħ* ta' Joe Friggieri, *Iż-Żabra* ta' Victor Fenech, *Ħitan Tas-Sejjieħ* ta' Marjanu Vella, kollha jikkritikaw it-taħsir ta' l-ambjent. Agħżel **ŻEWĠ** poeżiji minn dawn u semmi x'qed jikkritikaw il-poeti f'madwar 6 linji.

____________________

____________________

____________________

____________________

____________________

____________________

____________________ (7)

| **F. (ii) LETTERATURA – Dramm – Satira** ta' **Oreste Calleja** | (8 marki) |
|---|---|

Wieġeb

1. Fil-bidu tad-dramm, l-Iskrivan qiegħed imaxtar il-tielet qagħqa waqt li taħt l-iskrivanija għolja tiegħu hemm kju ta' nies jistenna. L-awtur x'ried jgħidilna b'dan?

____________________

____________________

____________________ (2)

2. Fid-dramm naqraw li l-Astronomu safa lliċenzjat mix-xogħol meta hu lanqas biss kien għadu daħal għax-xogħol. Fisser il-kritika ta' l-awtur.

____________________

____________________

____________________ (2)

3. Il-Palazz tal-Ġustizzja ġġarraf u sar irmied. X'ġara lill-istatwa tal-Ġustizzja? Fisser x'ried iwassal il-kittieb b'din il-kritika.

____________________

____________________

____________________ (2)

4. L-Astronomu japplika għal Bekkamort lejn l-aħħar tad-dramm u f'dan il-waqt l-Iskrivan jitlob lill-Bidillu jħaffef biex iġiblu l-formoli, it-timbru, il-bolla ta' żewġ soldi. Fisser.

________________________________________

________________________________________

______________________________________ (2)

**F. (iii) LETTERATURA – Rumanz – L-Isqaq** ta' **Ġużè Chetcuti** (8 marki)

Wieġeb 1 u 2

1. Mir-rumanz *L-Isqaq*, liema karattru għoġbok l-aktar? Għid għaliex billi tirreferi għall-istorja tar-rumanz. Ikteb madwar 5 linji.

________________________________________

________________________________________

________________________________________

________________________________________

______________________________________ (4)

2. Liema karattru ma għoġbokx mir-rumanz *L-Isqaq*? Għid għaliex f'madwar 5 linji billi tirreferi għar-rumanz.

________________________________________

________________________________________

________________________________________

________________________________________

______________________________________ (4)

**Ġ. KOMPONIMENT** (20 marka)

Ikteb madwar 350 kelma dwar **WIEĦED** minn dawn. (Ikteb fuq karta separata)

1. L-ambjent tad-diskoteki mhuwiex dejjem mill-aħjar! Kif taħsibha? Agħti r-raġunijiet tiegħek.
2. Kieku kellek tkun ġenitur, kif iġġib ruħek ma' wliedek żgħażagħ?
3. Rivisti, kotba, gazzetti. --- Liema minn dawn it-tlieta tħobb taqra l-iżjed? Għaliex?
4. Nixtieq li dan is-sajf ikun differenti mis-sajf tas-sena li għaddiet! Irrakkonta x'kien ġara s-sajf ta' qabel.
5. Il-moda tal-ħwejjeġ taż-żgħażagħ qiegħda toħloq pressjoni fuq l-istess żgħażagħ u l-ġenituri tagħhom. Ikkummenta.